



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Mejju 2022  
(OR. en)

8467/22

TRANS 242  
RELEX 529

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taworizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Ukrajna  
għal Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq

---

## **DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...**

**ta'...**

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Ukrajna  
għal Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż Ftehim mal-Ukrajna dwar it-trasport ta' merkanzija bit-triq (il-'Ftehim'), sabiex jittaffa l-impatt tal-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-operazzjonijiet tat-trasport.

(2) Fid-dawl taċ-ċirkostanzi eċċeżżjonali u uniċi li jeħtieġu n-negozjar tal-Ftehim u f'konformità mat-Trattati, huwa xieraq li l-Unjoni teżerċita b'mod temporanju l-kompetenza kondiviża rilevanti mogħtija lilha mit-Trattati. Madankollu, kwalunkwe effett ta' din id-Deċiżjoni dwar id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jkun strettament limitat fiż-żmien. Il-kompetenza eżerċitata mill-Unjoni abbażi ta' din id-Deċiżjoni u l-Ftehim li għandu jiġi nnegozjat skontu għalhekk jenħtieġ li tīgħi eżerċitata biss fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-Ftehim. B'hekk, il-kompetenza kondiviża hekk eżerċitata ser tieqaf tkun eżerċitata mill-Unjoni hekk kif jieqaf japplika l-Ftehim. Mingħajr preġudizzju għal miżuri oħra tal-Unjoni, u soġġett għall-konformità ma' dawk il-miżuri tal-Unjoni, dik il-kompetenza, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ser terġa' tīgħi eżerċitata mill-Istati Membri wara dan. Barra minn hekk, huwa mfakkar li, kif stabbilit fil-Protokoll Nru 25 dwar l-eżerċizzju ta' kompetenzi kondiviżi, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-TFUE, il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni f'din id-Deċiżjoni jkopri biss dawk l-elementi regolati minn din id-Deċiżjoni u ma jkoprix il-qasam kollu. L-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni b'din id-Deċiżjoni huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward ta' kwalunkwe negozjati li għaddejjin jew futuri għal, jew l-iffirmar jew il-konklużjoni ta', ftehimiet internazzjonali ma' kwalunkwe pajjiż terz ieħor f'dak il-qasam.

- (3) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinħatar bħala negozjatur.
- (4) Jenħtieġ li n-negozjati jitwettqu mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art tal-Kunsill,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

## *Artikolu 1*

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati, fisem l-Unjoni, għal Ftehim mal-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq ('il-Ftehim').

## *Artikolu 2*

1. L-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni skont din id-Deċiżjoni u l-Ftehim futur għandu jkun limitat għall-perjodu ta' applikazzjoni tal-Ftehim. Mingħajr preġudizzju għal miżuri oħra tal-Unjoni, u soġġett għall-konformità ma' dawk il-miżuri tal-Unjoni, wara t-tmiem ta'dak il-perjodu ta' applikazzjoni, l-Unjoni għandha tieqaf minnufih milli teżerċita dik il-kompetenza, u l-Istati Membri għandhom jerġgħu jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom f'konformità mal-Artikolu 2(2) tat-TFUE.
2. L-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni skont din id-Deċiżjoni għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward ta' kwalunkwe negozjati li għaddejjin jew futuri għal, jew l-iffirmar jew il-konklużjoni ta', ftehimiet internazzjonali relatati mat-trasport tal-merkanzija bit-triq ma' kwalunkwe pajjiż terz ieħor, u mal-Ukrajna, fir-rigward tal-perjodu wara li dan il-Ftehim ma jibqax jaapplika.
3. L-eżerċizzju tal-kompetenza mill-Unjoni msemmi fil-paragrafu 1 jkopri biss l-elementi rregolati minn din id-Deċiżjoni u d-direttivi ta' negozjar.

4. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u l-Istati Membri fil-qasam tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fir-rigward ta' elementi għajr dawk irregolati minn din id-Deċiżjoni u d-direttivi ta' negozjar.

*Artikolu 3*

In-negożjati għandhom jitwettqu abbażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stabbiliti fl-addendum għal din id-Deċiżjoni. Dawk id-direttivi ta' negozjar jistgħu jiġu riveduti u żviluppati aktar kif xieraq skont l-iżvilupp tan-negożjati.

*Artikolu 4*

In-negożjati għandhom jitwettqu fkonsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art tal-Kunsill, li huwa b'dan maħtur bħala l-kumitat speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(4) TFUE.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fī ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*